**5 ta' Settembru, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Meilaq

**Reati dwar id-Dwana – Immigrazzjoni – Fidda – Kambju**

*Taħt il-liġi tad-Dwana hemm l-"onus probandi" maqluba komodament għall-Prosekuzzjoni bl-art. 77 iżda meta l-persuna suspettata tagħti xi spjegazzjoni li tagħmel sens, billi l-prinċipju utili fil-prosekuzzjoni jibqa' dejjem "in dubio pro reo", il-prosekuzzjoni għandha tipprova twarrab kwalsiasi dubju fir-rigward tagħhha.*

*Immigrant għandu l-obbligu li jagħti kull informazzjoni rikjesta skond il-liġi mill-aktar fis possibbli malli jidħol f'Malta. Jekk tidħol b'dgħajsa għandek tassigura ruħek li tidħol id-Dwana mill-ewwel jew titlob struzzjonijiet bil-mod normali f'każ ta' diffikultà.*

Il-Qorti: – Rat il-kumpilazzjoni miġbura minnha kontra l-imputat Joseph Meilaq akkużat talli:

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tal-11 ta' Ġunju 1990;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Joseph Meilaq li bih talab li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja tagħha, u mill-bqija tirrevokaha u tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi;

Ikkunsidrat:

Illi l-appell għandu diversi aspetti li ser jiġu ttrattati fl-ordni li għażlet l-ewwel Qorti dwar l-artikoli rilevanti tal-liġi li tagħhom sabet lill-appellant ħati:

1. L-artikolu 62 (f) (g) (h) (i) tal-Kap. 37;

2. L-artikolu 28 u 32 (i) (g) tal-Kap. 217;

3. L-artikolu 9 (1) tal-Kap. 46;

4. L-artikolu 8 tal-Kap. 233;

1. Reati dwar id-Dwana:

Il-pussess materjali ta' l-oġġetti f'idejn l-appellant mhux kontestat u rriżulta;

Is-subinċiżi (f) sa (i) ta' l-artikolu 62 kollha jirrikjedu l-element tax-xjenza li għandu jiġi ppruvat mill-prosekuzzjoni. Din il-Qorti diġa kellha okkażjoni tidħol fid-dettal dwar ix-xjenza u l-oneru tal-prova investit taħt l-artikolu 77 tal-Kap. 37 fil-kawża Pulizija *vs* Victor Calleja deċiża fl-24 ta' Awissu 1990;

In suċċint, dak li qalet il-Qorti f'tali sentenza kien illi fil-

każijiet taħt l-artikolu 62 tal-Kap. 37, il-prosekuzzjoni għandha l-obbligu tal-prova li l-fatti jinkwadraw fid-definizzjonijiet mogħtija mil-liġi u ma tistax tippretendi l-ispostament ta' l-oneru tal-prova msemmi fl-artikolu 77;

Dan l-ispostament japplika biss f'każ li l-imputat jagħżel id-difiża msemmija fl-artikolu 77;

Dan il-każ huwa differenti mill-fatti fil-kawża Pulizija *vs* Victor Calleja. Huwa każ li għandu aspetti differenti u interessanti;

Il-prova li normalment wieħed jistenna mill-appellant jekk dan jagħżel it-triq ta' difiża prevista bl-artikolu 77 għar-rigward tal-prova li d-dazju tħallas, hija l-produzzjoni tar-riċevuta relattiva;

F'dan il-każ in eżami, però, taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 3(1) (b) tal-Kapitolu 46 hemm proċedura speċjali li tiggarantixxi li l-Gvern jipperċepixxi d-dazju fuq il-fidda qabel din tiġi bollata. Di fatti huwa biss wara l-pagament tad-dazju dovut li l-oġġetti bollati joħorġu f'idejn l-importatur;

Irriżulta li l-oġġetti kollha misjuba għand l-appellant kienu bollati. Il-boll, fil-fehma tal-Qorti, jikkwalifika għall-finijiet ta' l-awtentiċità taħt l-artikolu 627 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura, reż applikabbli għal-liġi Kriminali permezz ta' l-artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali;

L-abbli Deputat Avukat Ġenerali oġġezzjona, waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, illi dak li japplika għall-Kapitolu

46 mhux neċessarjament japplika għall-Kapitolu 37. Dan fis-sens illi l-fatt illi l-fidda tkun ġiet bollata għall-finijiet tal-Kapitolu 46, mhux neċessarjament jikkostitwixxi prova ta' pagament tad-Dazju taħt il-Kap. 37;

Il-Qorti ma ssegwix tali raġunament;

Id-dazju huwa wieħed. Huwa l-istess wieħed li jopera taħt il-provvediment tal-Kapitolu 37 u għalhekk kull distinzjoni tista' tkun biss immaġinarja;

Il-Qorti rat ukoll li ma jidhirx li saret xi allegazzjoni mill-Prosekuzzjoni fl-istadju opportun li tali boll ma kienx awtentiku. U li kieku sar dan, tali prova kienet tispetta lill-istess Prosekuzzjoni;

L-appellant ta spjegazzjoni ta' kif ġiet għandu l-fidda in kwistjoni, liema fidda kienet bollata. U, kif tajjeb osservat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Pulizja *vs* Saviour Pullicino deċiża fit-28 ta' Ġunju 1989:

"Tassew li fil-proċedura taħt il-liġi tad-Dwana hemm l-*onus probandi* maqluba komodament għall-prosekuzzjoni bl-artikolu 77....., iżda meta l-persuna suspettata tagħti xi spjegazzjoni li tagħmel sens, billi l-prinċipju utili fil-prosekuzzjoni jibqa' dejjem *in dubio pro reo*, il-prosekuzzjoni għandha tipprova twarrab kwalsiasi dubju fir-rigward tagħha";

Dan ċertament ma sarx f'dan il-każ;

Fil-fatt, saru kummenti dwar *innuendos* magħmula mill-

ewwel Qorti fuq l-awtentiċità tal-boll. Kull kumment tali għandu jiġi skartat. Kif tajjeb osservat id-difiża ta' l-appellant, hawn qegħdin fil-kamp tal-provi u mhux tal-konġetturi suspettużi. Il-Qorti tosserva ukoll illi l-kumment ta' l-ewwel Qorti ħa l-ispunt minn kumment tax-xhud Frank Agius li qal li l-boll mhux bil-fors sar mid-Dipartiment konċernat. Iżda kien l-istess Agius li qal b'mod kategoriku li dwar il-post tal-manifattura tal-fidda il-boll huwa sacrosant. Jew ser noqogħdu fuq il-boll jew m'aħniex. Imma anqas ma jingħad dwar dawn it-tip ta' kummenti aħjar;

Din il-Qorti ma tara ebda raġuni fondata fost il-provi miġbura li twassalha biex tiddubita mill-awtentiċità tal-boll. Għalhekk għandu jkun hemm presunzjoni, li bil-fors tmur favur l-appellant, li la sar il-boll, tħallas id-dazju;

Minn dan jirriżulta li anki a bażi tad-difiża taħt l-artikolu 77 tal-Kap. 37, l-appellanti mexxielu juri li d-dazju kien imħallas. Taħt l-artikolu 62 tal-Kap. 37 u taħt il-provvedimenti tas-subinċiżi li taħthom l-ewwel Qorti sabet ħtija, di fatti, in-nuqqas ta' pagament tad-dazju huwa element essenzjali. Għalhekk il-Qorti jidrilha li l-appellant ma kellux jinstab ħati taħt tali artikolu;

2. It-tieni Kap. jirrigwarda l-provvediment ta' l-artikoli 28 u 32 (i) (g) tal-Kap. 217:

Il-Liġi dwar l-Immigrazzjoni timponi ċertu obbligu fuq kull min jidħol Malta. F'dan il-każ l-appellant u żewġ ko-proprjetarji oħra tal-*boat Papillon* kienu ġejjin lura Malta minn Pozzallo, kellhom il-magni bil-ħsara u rabtu fuq l-irmiġġ tagħhom normali wara li raw illi l-uffiċċju tad-dwana f'*Manoel Island* kien magħluq;

Huma rabtu u marru d-dar u l-għada għamlu l-*clearance* tal-Passaporti;

L-appellanti tramite l-abbli difensuri tagħhom, issollevaw żewġ punti prinċipali dwar dan l-aggravju;

L-ewwel il-fatti illi l-proċeduri hawn ma ġewx istitwiti wara awtorizzazzjoni ta' l-Uffiċjali Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni u t-tieni, il-punt illi l-*Immigration Act* ma timponi ebda obbligu speċifiku fuq immigrant li jmur id-dwana;

Dwar l-ewwel punt, il-Qorti tistqarr li ma tarax diffikultà li tiċħdu mingħajr ħafna tul. Il-liġi titkellem dwar setgħat eserċitati jew eserċitabbli mill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Emmigrazzjoni fl-artikolu 3 tal-Kap. 217;

Imma mkien ma jingħad li proċeduri taħt dan l-Att jew taħt xi parti minnu jistgħu jiġu biss eserċitati jew promossi mill-Pulizija wara awtorizzazzjoni *ad hoc;*

Il-proċeduri huma dawk normali;

Dwar it-tieni punt id-diċitura tal-liġi timponi ċertu obbligi mingħajr ma tispeċifika l-obbligu ta' l-immigrant li jmur fiżikament *entro* xi terminu speċifikat fl-uffiċjal ta' l-Immigrazzjoni;

Id-diċitura preċiża hi:

''Kull persuna li tinżel l-art. jew timbarka f'Malta għandu

jkollha passaport u għandha tagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-Informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jinħtieġ'';

Mela dawn huma l-obbligi ta' min jasal Malta bħal ma waslu l-appellant u sħabu;

Fil-prattika kull min isiefer b'mezzi privati jaf:

Li bħal ma tinforma lill-awtoritajiet permezz tar-*radio VHF* inti u ħiereġ mill-port għas-safar, tinfurmahom li dieħel meta tkun ftit 'il barra mill-port fir-ritorn. Huma jagħtuk istruzzjoni li tmur id-Dwana. Jekk tidħol lura f'Maltta sa ċertu ħin wara nofs in-nhar tmur immedjatament id-Dwana *Manoel Island*. Wara tali ħin u f'ċertu ġranet, tmur l-uffiċċju prinċipali tad-Dwana. Hemmhekk jiġu *cleared* il-Passaport mir-rappreżentant tal-Pulizija, (billi l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni huwa l-Kummissarju tal-Pulizija) u tiġi mgħoddija lilu *Crew list* u jsiru l-formalitajiet soliti, apparti d-dikjarazzjonijiet tad-Dwana;

Din hi l-prassi u min ma jafhiex ma għandux ikollu f'idejh mezz li bih jista' jħalli dawn il-Gżejjer u jirritorna bla ebda avviż. Wara kollox ħadd ma jiġi lura f'Malta fuq l-'Għawdex' jew il-'*Malta Express*', jew jiġi Malta b'ajruplan u jippretendi li jmur id-dar u jittimbra l-passaport u jagħmel il-formalitajiet l-oħra bil-kwiet u bil-kalma l-għada;

Issa, apparti l-prasi x'inhu l-obbligu legali? Veru li ma hemmx obbligu marbut mal-ħin jew mal-lok li jinkombi fuq l-immigrant;

Fil-fehma tal-Qorti, il-liġi għandha tiġi interpretata b'mod loġiku tenut kont ta' l-interessi li l-istess liġi trid tittutela. Dan hu prinċipju li l-Qorti tara li japplika universalment fl-interpretazzjoni tal-liġi. Japplika però b'aktar qawwa meta l-liġi tagħti ċertu latitudini ta' interpretazzjoni flok timponi regoli tassattivi;

L-interess li l-liġi trid tittutela hawn huwa r-regolament tad-dħul f'Malta minn immigranti b'mod illi l-proċeduri neċessarji jiġu segwiti. L-intenzjoni hi illi daħal immigrant Malta. Il-Qorti tifhem li huwa diffiċli li tistipula li malli jidħol immigrant għandu jmur direttament id-Dwana f'ċertu ċirkostanzi, ngħidu aħna min jidħol b'dgħajsa qiegħda tegħreq minn dħul ta' ilma, jew f'maltempata kbira. Imma l-appellant jidher li wasal Malta xi l-5 *p.m.* mhux fis-2 *a.m.* u l-ħsara fil-magni xorta ppermettiet li l-*boat* tiġi marbuta f'postha;

Il-Qorti trid tirrimarka, però, li għalkemm id-Dwana f'Manoel Island kienet magħluqa, żgur illi l-appellant seta' informa lill-awtoritajiet tal-port fuq iċ-*Channel* 12 tas-soltu. Dawn normalment jew jgħidulek tmur id-Dwana Ċentrali, jew jekk ikollok il-ħsara, jibagħtu uffiċjali huma. Esperjenza personali tal-Qorti kienet illi waqt ritorn f'Malta fl-4 *a.m.* ingħataw istruzzjonijiet li d-dgħajsa tintrabat fuq l-irmiġġ tas-soltu u ħadd ma jinżel l-art sakemm jiġu l-uffiċjali ta' l-Immigrazzjoni u Dwana, li fil-fatt ġew ftit wara;

Iżda lanqas ma huwa loġiku li wieħed jifhem il-liġi fis-sens illi *una volta* li l-liġi ma tistipula ebda żmien, immigrant għandu biss jittimbra l-passaport u jagħmel il-proċeduri l-oħra jekk, kumbinazzjoni, l-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni, jiltaqa' miegħu x-

xatt hekk kif jidħol f'Malta. Dan hu, donnu, dak li jippretendi l-appellant;

l-interpretazzjoni korretta hi illi kull immigrant għandu l-obbligu li jagħti kull informazzjoni rikjesta skond il-liġi mill-aktar fis possibbli malli jidħol f'Malta. Ma jistax ikun hemm terminu preċiż applikabbli għal kull każ. Iżda l-perijodu applikabbli hu faċilment identifikabbli. Jekk tidħol bl-ajruplan jew bil-vapur, ma għandekx problemi, għax l-uffiċjali ta' l-immigrazzjoni ma jħallukx toħroġ qabel tagħmel il-proċeduri neċessarji. Jekk tidħol b'dgħajsa għandek tassigura ruħhek li tidħol id-Dwana mill-ewwel jew titlob istruzzjonijiet bil-mod normali f'każ ta' diffikultà. U dan il-mod normali jinkludi mhux biss il-*VHF radio,* imma ukoll it-*telephone* appena l-immigrant jinżel l-art. Setgħu ukoll l-appellant u sħabu marru d-dwana qabel marru d-dar malli waslu Malta. Għajjenin kemm kienu għajjenin, id-dgħajsa kienet marbuta, u f'Lulju kien għad fadal siegħat sħaħ ta' dawl wara l-5 *p.m.* Żgur li ma kienx hemm diffikultajiet insormontabbli biex jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet;

Għalhekk kull każ għandu jiġi eżaminat taħt il-fatt-ispeċje partikolari tiegħu però, in linea ta' massima, l-obbligu hu li l-proċedura neċessarja ssir immedjatament mal-wasla. F'dan il-każ il-Qorti tara nuqqas ta' adempiment ta' dan l-obbligu u ssib lill-imputat ħati ta' ksur ta' dan l-artikolu salv konsiderazzjoni tal-piena li dwarha jingħad aktar tard;

3. L-artikoli 3(1) a 9(1) 19(1) tal-Kap. 46:

Taħt dawn l-akkużi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati talli nnegozja l-fidda mingħajr l-permess tal-Pulizija. L-aggravju

ta' l-appellanti f'dan ir-rigward huwa dupliċi, l-ewwel il-preskrizzjoni u t-tieni li l-appellant ma nnegozjax id-deheb. Dwar il-preskrizzjoni l-ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni għaliex iddikjarat li l-proċeduri kontra l-imputat bdew f'inqas minn tliet xhur minn meta l-oġġetti tal-fidda nstabu fil-pussess tiegħu;

Il-preskrizzjoni ta' proċeduri għal reat, kemm delitt kif ukoll kontravvenzjoni, fil-każ ta' reat kontinwat, kif presumibbilment huwa l-każ ta' reat bħal dak addebitat lill-appellant taħt dan il-Kap., tibda tgħodd mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi;

Il-prosekuzzjoni ppruvat bix-xiehda ta' l-appellant stess li hu, fi kliemu stess "ilu jinnegozja l-fidda, *on and off,* għal xi seba' jew tmien snin";

Minn dan ma tirriżultax l-aħħar data li l-appellant innegozja bla liċenzja. L-ewwel Qorti ħadet tali data bħala d-data meta ġew elevati l-oġġetti tal-fidda. Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti l-Qorti ma taqbilx ma dan. Il-pussess tal-fidda waħdu ma jikkostitwix ir-reat addebitat. Huwa l-inneguzjar mhux il-pussess li hu importanti hawn;

Fin-nuqqas ta' data preċiża dwar l-aħħar negozju l-Qorti bil-fors trid toqgħod fuq id-dikjarazzjoni ta' l-appellant li hu nnegozja l-fidda, sporadikament forsi, għax qal "*on and off*", imma konsistentement għax qal "għal xi seba' jew tmien snin." F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax kif tista' takkolji l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *una volta* li l-appellant stess fix-xiehda tiegħu jindika li s-sitwazzjoni kienet għadha rregolari sakemm ġara l-każ u hu applika għal-liċenzja relattiva f'data ulterjuri;

Dwar l-aggravju li l-appellanti ma nnegozjax għax huwa xtara biss, dan hu kontradett minnu stess fix-xiehda tiegħu fejn jitkellem ċar dwar negozju;

4. L-artikolu 8 (a) tal-Kap. 233:

Taħt il-provvedimenti tal-liġi dwar il-Kontroll tal-Kambju, l-appellant ġie misjub ħati li ħallas lil jew favur persuna barranija mingħajr il-permessa tal-Ministru relattiv;

L-appellanti jsostni li hu ħallas lil nies Maltin għalkemm fuq istruzzjonijiet ta' persuna Taljana li minn għandha kien xtara l-fidda;

Il-Qorti ma taqbel xejn mal-pretensjoni ta' l-appellanti li hu mhux ħati taħt dan l-artikolu billi ma ħallasx direttament lil Taljan imma lil Maltin;

Il-kliem tal-liġi jinkludi pagamenti għal kreditu ta' barrani, li hu proprju dak li ġara f'dan il-każ b'ammissjoni ta' l-appellant stess;

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti mix-xiehda ta' l-appellant stess irriżulta li t-Taljan kien non-residenti u li l-appellant ħoloq ukoll kreditu a favur ta' tali persuna;

Il-Qorti ma tarax għala għandha *tiddisturba* l-ġudizzju ta' l-ewwel Qorti dwar din l-akkuża in kwantu jirrigwarda r-reità. Iżda l-Qorti ma taqbel bl-ebda mod li l-oġġetti involuti għandhom ikunu kkonfiskati. Il-multa komminata mill-ewwel Qorti hija sostanzjali u din il-Qorti m'hijiex ser tibdilha jew tnaqqasha;

Iżda l-interess tal-liġi żgur illi huwa sodisfatt bil-pagament ta' tali multa mingħajr konfiska u l-fedina penali ta' l-appellant ma tiġġustifikax piena daqstant ħarxa f'dan il-kuntest;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata f'dan is-sens:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-imputat ħati ta' l-akkużi taħt il-Kapitolu 37, tiddikjara lill-imputat mhux ħati ta' l-akkuża dedotta kontra tiegħu f'dan ir-rigward u tilliberah mill-ħtija u l-piena relattiva;

2. Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda r-reità misjuba fl-appellant mill-ewwel Qorti, iżda dwar il-piena relattiva tiddeċidi:

Taħt l-akkużi taħt il-paragrafi relattivi tal-Kap. 217 tirriforma l-piena billi tikkundanna lill-appellant għal multa ta' mitt lira;

Tħalli l-piena invarjata dwar l-akkużi taħt l-Kap. 46 u 233, salv li tirrevoka l-konfiska taħt l-artikolu 42 tal-Kap. 233 u 23 (1) tal-Kapitolu għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Ma tikkundannax lill-appellant li jħallas l-ispejjeż involuti fil-perizji relattivi f'dan il-każ billi dawn kienu konnessi ma' akkużi li taħthom l-appellant ma nstabx ħati.